**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Johan Saliba**
**Adrian Pace**
**Matthew Micallef**

**Illum 28 ta' Frar 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Johan Saliba** ta' sebgha u tletin (37) sena, imwieled Pietà fis-16 ta' Marzu 1979, bin Anthony u Josephine neè Micallef, residenti Blueberry, BLK A, Flat 6, Triq F.S. Caruana, Birkirkara, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 177479(M), **Adrian Pace** ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Anthony u Grace neè Mangion, imwieled Pietà fit-3 ta' Lulju 1994, residenti 90, Redentur House, Triq Nikol Baldacchino, Qorti, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 288194(M) u **Matthew Micallef** ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bin Eugenio u Concetta neè Debattista, imwieled Pietà fl-24 ta' Gunju 1995, residenti 35, Sqaq il-Bicciera, Birkirkara, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 269195(M), talli fix-xahar ta' Frar 2017 u fix-xhur ta' qabel gewwa Birkirkara, Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kisru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi b'risoluzzjoni wahda:

1. Bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimal, gieghel lill-istess annimal isofri wgigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar il-Harsien ta' l-Annimali, Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kif ukoll talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zamm annimali jew qabel li jzomm annimali ghandu u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) u (3) tat-

Taqsima IV ta' l-Att dwar il-Harsien ta' l-Annimali, Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta; u

3. Talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi kellu jiehu dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizgura l-htigijiet ta' annimali li huwa responsabbli ghalihom jew li qabel li jiehu hsiebhom, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimali li tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imgieba normali tieghu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali ohra fejn mehtieg u protezzjoni minn ugigh, tbatija, korrimenti u mard, u dan a tenur ta' l-Artikolu 8(4) tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar il-Harsien ta' l-Annimali, Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u b'mod partikolari l-fedini penali ta' kull wiehed mill-imputati, l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati u r-rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz;

Rat illi l-imputati kollha ddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u t-tlieta li huma wiegbu li huma hatja ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom;

Rat li l-imputati ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jirrikonsidraw it-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza ta' kull wiehed mill-imputati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati Johan Saliba, Adrian Pave u Matthew Micallef qed jigu akkuzati talli fix-xahar ta' Frar 2017 u fix-xhur ta' qabel gewwa Birkirkara, Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kisru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi b'risoluzzjoni wahda: (i) Bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimal, gieghel lill-istess annimal isofri wgigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar il-Harsien ta' l-Annimali, Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) Kif ukoll talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zamm annimali jew qabel li jzomm annimali ghandu u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) u (3) tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar il-Harsien ta' l-Annimali, Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iii) Talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi kellu jiehu dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizgura l-htigijiet ta' annimali li huwa responsabbli ghalihom jew li qabel li jiehu hsiebhom, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici

tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimali li tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imgieba normali tieghu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali ohra fejn mehtieg u protezzjoni minn ugigh, tbatija, korrimenti u mard, u dan a tenur ta' l-Artikolu 8(4) tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar il-Harsien ta' l-Annimali, Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kull wiehed mill-imputati, filwaqt li ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi hekk dedotti fil-konfront tieghu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni u wara li rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u b'mod partikolari l-istqarrijiet rilaxxati minn kull wiehed mit-tlett imputati, il-Qorti ssib lil kull wiehed mit-tlett imputati hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li kull wiehed mit-tlett imputati: (a) ikkoopera bis-shih mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet taghhom, tant illi già fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija ammettew li wettqu vjolazzjonijiet tal-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Harsien ta' l-Annimali, Kap.439 tal-Ligijiet ta' Malta, (b) ghandu fedina penali netta; u (c) irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Izda hadet in konsiderazzjoni ukoll in-natura tar-reati li bihom qed jigu akkuzati l-imputati u li minnhom gew ammessi.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 8(2),(3) u (4) tat-Taqsima IV u l-Artikolu 45 ta' l-Att dwar il-Harsien ta' l-Annimali, Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ittenni li qed issib lil kull wiehed mit-tlett imputati hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, tikkundanna lil:

1. **Johan Saliba** ghall-hlas ta' multa ammontanti ghal elfejn Euro (€2,000), liema multa a tenur ta' l-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas minnu permezz ta' pagamenti mensili ammontanti ghal mitt Euro (€100) kull wiehed sal-hlas intier ta' l-imsemmija multa u fin-nuqqas tal-hlas ta' xi wahda mir-rati imsemmija l-ammont shih li jkun fadal mill-multa hawn imposta jkun dovut u jithallas minnufih u d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-arrest u prigunerija jekk ma jsirx tali hlas tal-multa jkun japplika f'dan il-kaz;
2. **Adrian Pace** ghall-hlas ta' multa ammontanti ghal elfejn Euro (€2,000), liema multa a tenur ta' l-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas minnu permezz ta' pagamenti mensili ammontanti ghal mitt Euro (€100) kull wiehed sal-hlas intier ta' l-imsemmija multa u fin-nuqqas tal-hlas ta' xi wahda mir-rati imsemmija l-ammont shih li jkun fadal mill-multa hawn imposta jkun dovut u jithallas minnufih u d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(3) tal-

Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar l-arrest u prigunerija jekk ma jsirx tali hlas tal-multa jkun japplika f’dan il-kaz; u

3. **Matthew Micallef** ghall-hlas ta’ multa ammontanti ghal elfejn Euro (€2,000), liema multa a tenur ta’ l-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha tithallas minnu permezz ta’ pagamenti mensili ammontanti ghal mitt Euro (€100) kull wiehed sal-hlas intier ta’ l-imsemmija multa u fin-nuqqas tal-hlas ta’ xi wahda mir-rati imsemmija l-ammont shih li jkun fadal mill-multa hawn imposta jkun dovut u jithallas minnufih u d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 11(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar l-arrest u prigunerija jekk ma jsirx tali hlas tal-multa jkun japplika f’dan il-kaz.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**